**Deċiżjoni mogħtija mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-seduta 351 tal-4 ta' Ġunju 2025 dwar Rapportaġġ fil-Media**

Fis-Seduta Nru 349 tat-2 ta' Ġunju 2025, il-Ministru Byron Camilleri talab ruling mis-Sedja u qal hekk:

> "**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Se nagħmel referenza għal artiklu li deher illum fuq *NETnews* bl-isem 'Il-Pulizija mhux tiegħu passi fil-konfront ta' persuni li jilbsu lbies tal-baħar fit-toroq'. Irrid nagħmel referenza wkoll għal żewġ mistoqsijiet parlamentari tal-Onor. Graziella Galea li weġibt il-ġimgħa l-oħra. Primarjament nirreferi għal dawn iż-żewġ mistoqsijiet parlamentari 28557 u 28346.
>
> L-isem tal-artiklu huwa 'Il-Pulizija mhux tieħu passi fil-konfront ta' persuni li jilbsu lbies tal-baħar fit-toroq'. Biex ngħid kollox, se npoġġi wkoll żewġ verżjonijiet ta' dan l-artiklu għaliex aktar tard fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari għedt ċar u tond li kien hemm azzjoni u għedt ukoll x'inhu l-ħsieb tiegħi. Allura żgur li t-titlu mhux korrett li jirreferi għat-tweġiba parlamentari li tajt f'dan il-Parlament. Biex inkun ġust magħhom, wara żiedu mal-artiklu li kien hemm azzjoni, jiġifieri li ngħataw numru ta' taħrikiet, però żgur li t-titlu ma jirriflettix …"

Hawnhekk is-Sedja talbet lill-Ministru jgħidilha x'inhi t-talba tiegħu u l-Ministru wieġeb li:

“**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Dan huwa rapportar skorrett ta’ mistoqsija parlamentari.”

Għaldaqstant is-Sedja wieġbet hekk:

“**L-ISPEAKER:** Ministru, għaddili kollox. Issa nara jien.”

Is-Sedja rat l-artiklu li saret referenza għalih mill-Ministru Byron Camilleri, bit-titlu: ‘Il-Pulizija mhix tieħu passi fil-konfront ta’ persuni li jilbsu lbies tal-baħar fit-toroq’, liema artiklu deher fit-2 ta’ Ġunju 2025, jiġifieri fl-istess ġurnata li qajjem il-każ il-Ministru Camilleri fl-ewwel opportunità li kellu fil-Parlament. L-artiklu jaqra hekk:

“Il-Korp tal-Pulizija mhux qed tieħu passi fil-konfront ta’ persuni li jinstabu lebsin ilbies tal-baħar fit-toroq madwar Malta u Għawdex.

Dan ikkonfermah il-Ministru Byron Camilleri fil-Parlament għal mistoqsija li ressqet id-Deputat Nazzjonalista Graziella Galea li staqsiet jekk il-Pulizija hux qed tieħu passi fil-konfront ta’ persuni li jinstabu lebsin ilbies tal-baħar fit-toroq madwar Malta u Għawdex, u jekk iva, x’passi qed jittieħdu, u wkoll kif qed jiġi assigurat li l-liġijiet dwar id-deċenza pubblika qed jiġu osservati?

Il-Ministru responsabbli mill-Pulizija qal li l-Korp jiffoka aktar fuq dak li hu core police duties u qal li lanqas jemmen li l-Korp tal-Pulizija għandu jservi ta' morality police.

Meta l-istess Deputata Nazzjonalista staqsiet, f'mistoqsija oħra, lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol jgħid kemm-il każ kien hemm fejn il-Pulizija kellha tintervjeni minħabba l-preżenza ta' persuni bla ħwejjeġ f'postijiet pubbliċi, minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba l-mistoqsija parlamentari, il-Ministru wieġeb fil-Parlament li dak li qed tistaqsi dwaru jorbot ma' ksur tal-artikolu 338(q) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li f'dan il-perjodu kien hemm 29 kontravenzjoni.".

Is-Sedja rat ukoll il-mistoqsijiet parlamentari ċċitati mill-Ministru Byron Camilleri fit-talba tiegħu għar-ruling, ċjoè l-mistoqsijiet numri 28557 u 28346. Fil-mistoqsija parlamentari 28557 dwar 'Persuni lebsin ilbies tal-baħar fit-toroq', li twieġbet fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2025, l-Onor. Graziella Galea, staqsiet lill-Ministru Byron Camilleri hekk:

"Jista' l-Ministru jgħid jekk il-pulizija hux qed tieħu passi fil-konfront ta' persuni li jinstabu lebsin ilbies tal-baħar fit-toroq madwar Malta u Għawdex u jekk iva, x'passi qed jittieħdu? Jista' jgħid ukoll kif qed jiġi assigurat li l-liġijiet dwar id-deċenza pubblika qed jiġu osservati?"

It-tweġiba tal-Ministru kienet din:

> "Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija parlamentari 28346. Bħala Ministru responsabbli nisħaq li l-Korp tal-Pulizija jiffoka aktar fuq dak li hu core police duties. Lanqas nemmen li l-Korp tal-Pulizija għandu jservi ta' morality police."

Il-mistoqsija parlamentari numru 28346, li ġiet imwieġba fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2025, bit-titlu 'Persuni lebsin indeċenti f'postijiet pubbliċi' u li saret ukoll mill-Onor. Graziella Galea lill-Ministru Byron Camilleri taqra hekk:

> "Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ kien hemm fejn il-Pulizija kellha tintervjeni minħabba l-preżenza ta' persuni bla ħwejjeġ f'postijiet pubbliċi, minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?"

Il-Ministru wieġeb hekk:

> "Ninsab infurmat li jekk dak li tistaqsi dwaru l-Onor. Interpellant jorbot ma' ksur tal-artikolu 338(q) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'dan il-perjodu kien hemm 29 kontravenzjoni."

Is-Sedja, wara li rat dawn ir-risposti, rat ukoll l-artikolu 338(q) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li jkun ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min:

> "(q) … fi xtut il-baħar jew f'lok ieħor pubbliku, jinża' għarwien jew ma jkunx liebes xieraq".

Dan ifisser li fir-rigward ta' dak li kienet qiegħda tistaqsi l-Onor. Graziella Galea, il-Pulizija mhux biss ħadu passi fil-konfront ta' dawk il-persuni li ma jkunux lebsin b'mod diċenti fil-pubbliku, imma fil-fatt ħadu passi f'29 okkażjoni.

Is-Sedja tagħmel referenza għar-ruling li kienet tat fis-Seduta 194 tat-3 ta' Novembru 2014 fuq punt imqajjem mill-Onor. Ċensu Galea dwar rapporti ta' proċeduri parlamentari fil-media b'referenza għal artiklu li kien deher fil-ħarġa ta' *l-Orizzont*. Dakinhar is-Sedja qalet hekk:

> "M'hemmx dubju li għalkemm l-Ordnijiet Permanenti huma siekta fuq din il-materja, joħroġ l-obbligu li kull gazzetta għandha tirrapporta fedelment u korrettament dak kollu li jiġri fil-Parlament u li rappurtaġġ skorrett jista' jikkostitwixxi disprezz tal-Parlament. Is-Sedja hawnhekk se tagħmel referenza għall-paragrafi (j) u (k) tal-artikolu 11(4) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113) u tikkwota b'mod partikolari l-paragrafu (k) li jgħid huwa reat kontra dan l-Att:
>
> "il-pubblikazzjoni volontarja jew bi traskuraġni ta' xi rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċedimenti tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha."."

Kif intqal f'dak ir-ruling, joħroġ ċar li ommissjoni ta' dettall "tiġi meqjusa bħala rappurtaġġ mhux korrett jew sħiħ u li allura dak ir-rapport jista'jiġi interpretat bħala li huwa rappurtaġġ mgħawweġ".

Fil-każ imqajjem mill-Onor. Byron Camilleri, it-titlu tal-artiklu li għamel referenza għalih, 'Il-Pulizija mhix tieħu passi fil-konfront ta' persuni li jilbsu lbies tal-baħar fit-toroq', ċertament ma jirriflettix it-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 28346 fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2025 u li mbagħad saret referenza għaliha fir-risposta għall-mistoqsija parlamentari 28557 fit-28 ta' Mejju 2025. Filwaqt li l-artiklu ċċitat jagħmel referenza għal dak li ntqal fir-risposta mogħtija mill-Ministru għall-mistoqsija parlamentari 28346, fejn jingħad li kien hemm 29 kontravvenzjoni b'rabta ma' ksur tal-paragrafu 338(q) tal-Kodiċi Kriminali, it-titlu tal-artiklu "Il-Pulizija mhix tieħu passi fil-konfront ta' persuni li jilbsu lbies tal-baħar fit-toroq" mhux veritier u mhuwiex rappurtaġġ fidil tar-risposti mogħtija għal dawk id-domandi parlamentari.

Għalhekk, is-Sedja ser tkun qiegħda tinforma lill-Editur tal-portal imsemmi biex jagħmel korrezzjoni tat-titolu b'mod li jkun jirrifletti t-tweġibiet mogħtija u għalhekk ninkariga lill-Iskrivan tal-Kamra biex tinforma lill-Editur li għandu jagħmel il-korrezzjoni meħtieġa.

Ir-ruling huwa deċiż.